Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta’ Żminijietna fit-Talb

Jannar 2026

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex it-talb bil-Kelma ta’ Alla jkun ikel għal ħajjitna u għajn ta’ tama għall-komunitajiet tagħna, u jgħinna nibnu Knisja aktar fraterna u missjunarja.**

**Ninġabar:**
Insib post għall-kwiet u nqatta’ ftit ħin fis-silenzju u nħoss il-preżenza t’Alla fija. Nitlob biex inkun sors ta’ tama u appoġġ fil-komunità tiegħi.

**Fatt ċkejken:**



Minkejja li twieled b'diżabilità, li minħabba fiha għama meta kien għadu ta’ età żgħira, Boniface kien isib il-faraġ joqgħod jisma’ l-melodiji li kienu jidwu f'moħħu. Il-mużika kienet is-sieħba kostanti tiegħu, raġġ ta' dawl fid-dlam, li hu kien iħoss li kien dejjem imdawwar bih. Bħal ħafna nies li għandhom diżabilità, Boniface ħabbat wiċċu ma’ diskriminazzjoni tul ħajtu kollha. Fl-iskola kienu jwarrbuh, u meta sar adult ir-razzett tiegħu ġie vvandalizzat. Boniface kien imwarrab ukoll fil-ħajja tal-knisja, għalkemm kellu talent mużikali kbir u kien jixtieq jmexxi l-kant ta’ adorazzjoni. Iżda meta fil-villaġġ tiegħu f’Rwanda, il-World Relief wettaq programm sabiex persuni b’diżabilità jiġu inklużi fis-soċjetà, permezz tal-knisja lokali, dan biddel il-mod kif il-komunità bdiet tħares lejh u lejn persuni oħra li kellhom diżabilità. Huma kienu mistednin biex jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet tal-komunità. Tant laqgħuhom, li huma anke bdew imexxu funzjonijiet fil-knisja, bħal pereżempju li jippriedkaw, imexxu t-talb u, l-iktar importanti għal Boniface, il-kant. Illum Boniface huwa mexxej fil-komunità tiegħu u waqqaf grupp ta' appoġġ għal persuni oħra li għandhom diżabilità. Fil-passat il-mużika tiegħu kienet melodija waħdanija, illum il-kanzunetta tiegħu saret kor li jispira, u jfakkarna li, bil-għajnuna t'Alla, nistgħu nagħmlu bidla fil-komunitajiet tagħna.

**Naħseb ftit:**
Nieqaf u nipprova ngħin meta ninduna li xi ħadd għandu bżonn l-għajnuna, jew nibqa’ għaddej/ja qisni ma rajt xejn? Nuri kompassjoni ma’ dawk li għandhom bżonnha? X'nista' nagħmel biex noffri għajnuna u appoġġ fil-komunità tiegħi?

**Nitlob:**
Mulej, agħtini d-dehen biex nagħraf naqsam il-ħin, ir-riżorsi u l-ħniena tiegħi ma’ dawk li huma fil-bżonn, għax jien naf li dak kollu li għandi hu rigal mingħandek. Jalla l-komunità tagħna tkun eżempju ta’ ġenerożità u abbundanza li tirrifletti l-imħabba bla limitu tiegħek lejn id-dinja.

**Kliem ta’ dawl:**
Li naqsmu dan il-messaġġ ta’ tama ma’ xulxin – fil-ħidma, fis-servizz, fit-tfittxija ta’ modi biex nagħmlu d-dinja tagħna post aħjar – li jagħti ħajja vera lilna lkoll, u nkunu sinjal ta’ tama għad-dinja kollha.

*Papa Ljun XIV*

**X’nista’ nagħmel:**
Ningħaqad ma’ grupp ta’ talb, nagħti daqqa t’id biex tiġi organizzata xi attività li tressaq lejn xulxin il-membri tal-komunità jew tal-parroċċa, ngħin lil min għandu bżonn l-għajnuna u nisma’ lil xi ħadd li jista’ jkun għaddej minn żmien diffiċli.